**290. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joe Brincat, jipproponi:**

Illi l-Kamra tiddeċiedi -

Illi ż-żewġ seduti mħollija għad-diskussjoni fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni ta' l-Estimi Ġenerali ta' l-ispiża għas-sena 1981, jinqasmu hekk li l-Oppożizzjoni tieħu l-ewwel seduta, u l-Gvern jieħu t-tieni seduta; u

Illi dawn iż-żewġ seduti jistgħu jiġu ffilmjati u jintwerew direttament fuq it-Television u mezzi oħra tax-Xandir; u li għal dan il-għan, ikunu jistgħu jidħlu fil-Kamra l-persuni li jkun hemm bżonn.

18.11.1980